Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1521

28.7.2025

LINJA GWIDA (UE) 2025/1521 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Lulju 2025

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2017/697 dwar il-mod kif jiġu eżerċitati l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni Ewropea mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti (BĊE/2017/9) *(BĊE/2025/25)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 6(5)(a) u (c) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida (UE) 2017/697 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/9) ([2]) tistabbilixxi politiki ġenerali għall-eżerċizzju ta' ċerti opzjonijiet u diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti. Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ħassar l-opzjoni prevista fl-Artikolu 178(1), il-punt (b), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 575/2013 ([4]) għall-awtoritajiet kompetenti biex jestendu għal 180 l-għadd ta' jiem skaduti qabel ma obbligu ta' kreditu materjali msemmi fih jitqies bħala inadempjenti. Sabiex il-Linja Gwida (UE) 2017/697 (BĊE/2017/9) tiġi allinjata mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-opzjoni mħassra, huwa għalhekk meħtieġ li titħassar id-dispożizzjoni korrispondenti f'dik il-Linja Gwida.

(2) Ir-Regolament (UE) 2024/1623 emenda l-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi żied rekwiżit, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025, li, għall-finijiet li jintuża l-approċċ standardizzat għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, fir-rigward ta' skoperturi għal istituzzjonijiet, istituzzjoni ma tistax tuża valutazzjoni tal-kreditu ta' istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) li tinkorpora suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu mill-gvern, ħlief meta tirreferi għal istituzzjoni proprjetà ta' jew stabbilita u sponsorjata minn gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali. L-Artikolu 138 emendat jipprevedi wkoll li meta l-uniċi valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI li jeżistu għal istituzzjoni li ma taqax fil-kategorija ta' istituzzjonijiet eċċezzjonali jkunu valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI li jinkorporaw tali suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu mill-gvern, l-iskoperturi għal tali istituzzjoni jridu jiġu ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjoni mhux klassifikata, f'konformità mal-Artikolu 121 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(3) Il-BĊE jara l-ħtieġa li jippermetti l-użu kontinwu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI li jinkorporaw suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu mill-gvern fejn l-istituzzjoni msemmija ma taqax fil-kategorija ta' istituzzjonijiet eċċezzjonali, bl-effett li l-iskoperturi għal tali istituzzjoni ma għandhomx għalfejn jiġu ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjoni mhux klassifikata. L-użu ta' tali valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI jenħtieġ li jkompli għal perjodu limitat wara d-data tal-applikazzjoni tal-emenda għall-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għalhekk, il-BĊE jqis li huwa meħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeżerċitaw, sal-1 ta' Jannar 2027, l-opzjoni tranżizzjonali prevista fl-Artikolu 495e tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jippermettu l-użu kontinwu ta' tali valutazzjonijiet tal-kreditu għal perjodu limitat.

(4) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2017/679 (BĊE/2017/9) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj.

([2]) Linja Gwida (UE) 2017/697 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' April 2017 dwar il-mod kif jiġu eżerċitati l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni Ewropea minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti (BĊE/2017/9) (ĠU L 101, 13.4.2017, p. 156, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2017/697/oj).

([3]) Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operazzjonali, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output (ĠU L, 2024/1623, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1623/oj).

([4]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2017/697 (BĊE/2017/9) hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa mħassar;

(2) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"*Artikolu 9a*

L-Artikolu 495e tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: arranġamenti tranżizzjonali għall-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI tal-istituzzjonijiet

B'deroga mill-Artikolu 138, il-punt (g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ANK għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet ikomplu jużaw valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI fir-rigward ta' istituzzjoni li tinkorpora suppożizzjonijiet ta' appoġġ implieċitu mill-gvern sal-1 ta' Jannar 2027.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Jannar 2026.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE